# L-IKONOGRAFIJA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL FL-ISTORJA TA' L-ARTI

Victor Agius



Ġesu' ma San Pietru u San Pawl. Affresk tar-IV Seklu, katakombi ta' San Pietru u San Marcellinus, Ruma

F'dan l-artiklu ser nitkellem dwar numru ta' opri ta' arti minn epoki u stili diversi li lkoll jirraffiguraw lil San Pietru u lil San Pawl. L-ewwel eżempji ma nsibuhomx fi knejjes jew katidrali iżda fil-katakombi mudlama u umdużi ta' Ruma, peress li l-ewwel insara kienu ppersegwitati u ma setgħux jgħixu l-fidi tagħhom fil-beraħ. L-immaġini ta' l-appostli San Pietru u San Pawl jidhru f'affreski u skulturi fl-irħam sa mill-eqdem eżempji t'arti Kristjana.

F'dan l-affresk li sar madwar tliet mitt sena W.K. u li jinsab fil-katakombi ta' San Pietru u San Marcellinus jidhru mpittra kbar il-figuri ta' San Pietru u San Pawl b'Ġesu' bil-qiegħda f'nofshom u b'erba' qaddisin impittra iżgħar in-naħa t'isfel. L-ikonografija ta' din il-pittura hija waħda li turi kif kienet l-arti Kristjana tal-bidu fejn l-istil jixbaħ ħafna lill-pittura klassika Rumana li kienet iżżejjen il-vilel Rumani. Għalhekk San Pietru u San Pawl jidhru lebsin tunika bajda Rumana. Ġesu' jidher bil-qiegħda f'nofshom bi ktieb f'idu. Il-qaddisin li hemm impittra n-naħa t'isfel ta' San Pietru u San Pawl huma midfunin f'dawn l-istess katakombi. Bejn dawn l-erba' qaddisin, jidher il-Ħaruf Divin wieqaf fuq blata li minnha ħerġin erba' xmajjar. Din fiha t-tifsira ta' l-erba' evanġelji li lkoll joħorġu minn sors wieħed li hu Ġesu' Kristu l-Ħaruf Divin. Dan l-affresk (pittura diretta fuq il-ħajt) tilef ħafna miż-żebgħa tiegħu.

L-ikonografija hi l-istudju li jistabilixxi kif simboli u użu ta' kuluri jistgħu jfissru b'mod simboliku u metaforiku t-tagħlim tal-Knisja. Skond l-istoriku ta' l-arti Louis Reau fil-ktieb tiegħu 'Iconographie de l'Arte Chretien' jagħti deskrizzjoni twila ta' l-ikonografija ta' San Pietru u San Pawl tul is-sekli. Pietru minbarra mill-imfietaħ dejjem jingħaraf mill-appostli l-oħra minħabba l-fiżiku kemmxejn goff li jiġi mpitter jew skolpit. Id-daqna ta' Pietru tkun griża jew bajda mnokklata u qasira. Il-kuluri li ġeneralment jagħtu lill-ilbies tiegħu ivarja bejn kannella safrani u vjola fl-ikħal. Fl-istil oċċidentali u fl-ikonografija Biżantina jirrappreżentawh kemm kemm fartas bi troffa xagħar in-naħa ta' quddiem ta' rasu. Xi studjużi jsostnu li din talludi għat-tonsura peress illi hu kien l-ewwel Papa u mexxej tal-Knisja ta' Kristu fuq din l-art. Mill-banda l-oħra l-arti orjentali speċjalment dik tar-Rinaxximent ta' l-Ewropa tippreżentah b'xagħar folt u mnukklat. L-imfietaħ f'ħafna eżempji ta' arti sagra jiġu mpittra bħala waħda tal-fidda u l-oħra tad-deheb bit-tifsira ta' muftieħ tas-sema u ieħor ta' l-art. Simboli oħra li ġieli jidhru ma' Pietru huma d-dgħajsa li tispjega li Pietru minn sajjied fil-baħar tal-Galilea sar sajjied tal-bnedmin kif ukoll fiha t-tifsira tal-Knisja. Drabi oħra ma' Pietru barra l-imfietaħ tidher ukoll il-ħuta li tfakkarna fix-xogħol tas-sajd ta' Pietru, u aktar minn hekk sa mill-affreski ta' l-eqdem katakombi l-ħuta kienet is-simbolu ta' l-insara. Dan għaliex ħuta bil-Grieg tinkiteb ICHTHUS u kull l-ewwel ittra ta' kull kelma fil-frażi Iesous CHristos THeou Uiou Soter, b'ilsinna tfisser Ġesu' Kristu l-iben t'Alla s-Salvatur. Fit-tmintax-il seklu beda jintuża wkoll is-serduk li jfakkar fiċ-ċaħda waqt il-passjoni ta' Kristu.



Dettal mill-affresk tar-IV Seklu, katakombi ta' San Pietru u San Marcellinus, Ruma.

Pawlu – *Paulus* li fil-latin tfisser *iż-żgħir*, ġeneralment ikun impitter bix-xabla tal-martirju u skroll jew inkella ktieb f'idejh. Ta' min jgħid li x-xabla bdiet titpitter f'idejn Pawlu mhux qabel it-tmien seklu wara Kristu. Il-kuluri fl-ilbies tiegħu huma l-aħmar u l-aħdar. L-aħmar jissimbolizza l-martirju u x-xogħol li kien jagħmel b'passjoni kbira għal Kristu. L-aħdar fih it-tifsira tal-ħajja u l-entużjażmu spiritwali li bih kien jaħdem Pawlu. Fil-maġġorparti ta' l-ikonografija sagra, kemm ta' l-istil Biżantin kif ukoll tar-Rinaxximent fl-Ewropa, Pawlu huwa mpitter b'daqna skura ppuntata f'geddumu u b'rasu fartasa.




*San Pietru u San Pawl. Għatu ta' sarkofagu ta' l-irħam. Mużewijiet tal-Vatikan. IV Seklu W.K.*

Din li qed naraw hija wkoll arti bikrija Kristjana li nstabet fil-katakombi. Kienet instabet fil-katakombi ta' *San Ippolito*, iżda llum tinsab fil-mużewijiet tal-Vatikan. Huma evidenti ż-żewġt uċuħ kbar ta' San Pietru u San Pawl bl-ismijiet *Petrvs – Pavlvs*. Dawn l-uċuħ huma mnaqqxa fuq għatu ta' l-irħam ta' qabar. Fuq isem Pietru jidher ukoll imnaqqax is-simbolu tal-CHI RHO.

Il-biċċa xogħol li qed naraw bħalissa hija ferm interessanti għaliex turi lill-appostli San Pietru u San Pawl bil-wieqfa bl-arma tal-CHI RHO bejniethom, lebsin ilbies klassiku li jaghtihom bixra ta' filosfi Griegi. Interessanti l-fatt li din l-immaġini ġejja minn disinn magħmul bil-folji tad-deheb f'qiegħ ta' kontenitur kbir tal-ħġieġ elaborat ta' madwar tliet mitt sena wara Kristu (jiġifieri ghandha madwar 1720 sena). L-appostli għandhom ukoll il-kitba Petrvs Pavlvs u l-mod ta' kif inhuma rappreżentati l-uċuħ tagħhom huwa l-istess bħat-tradizzjoni ikonografika b'wiċċ San Pietru b'daqna nnukklata u xagħar kemm xejn goff, u wiċċ San Pawl b'daqna ppuntata u xagħru kemm kemm fartas. Meta wieħed jara l-pożizzjoni ta' dawn l-appostli b'kolonna żgħira bejniethom, San Pietru fuq ix-xellug u San Pawl fuq il-lemin, jagħraf xebħ ma' l-istatwa tan-Nadur.




*San Pietru u San Pawl. Disinn fid-deheb fuq il-ħġieġ. C. 280 W.K.*

Is-sarkofagu ta' Junius Bassus li sar fis-sena 389 W.K. hu wieħed mill-aktar sarkofagi magħrufa fl-istorja ta' l-arti. Sarkofagu jfisser qabar kbir forma ġeneralment ta' kaxxa ta' l-irħam li jkun skolpit b'mod mill-aktar dettaljat. Lilna jinteressana proprju ċ-ċentru ta' l-iskultura li fih, dik li l-istudjużi ta' l-arti jsejħula bħala *'Traditio Legis'* – l-għoti tal-liġi. Dan is-sarkofagu b'influwenza ta' arti klassika juri diversi xeni skolpiti lkoll b'rabta mal-ġrajja tas-salvazzjoni u mal-missjoni ta' San Pietru u San Pawl. Din il-faċċata hi maqsuma f'żewġ reġistri fuq xulxin, b'tinqix fin ta' kolonni u arkati fl-irħam. Fiċ-ċentru hemm it-*'Traditio Legis'*. L-influwenza ta' l-arti Hellenistika tidher l-aktar fil-mod kif Ġesu' hu rappreżentat mingħajr daqna, b'wiċċ ħelu u sabiħ, għadu żagħżugħ qisu xi alla Grieg li l-istudjużi ta' l-arti jsejħulu *'Apollo Christ'*. San Pietru fuq ix-xellug u San Pawl fuq il-lemin jidhru qishom xi għorrief jew filosfi Griegi, l-aktar bil-mod kif inhuma lebsin u bid-dehra ta' l-uċuħ tagħhom. Sieq ix-xellugija ta' Ġesu tidher tirfes fuq ras Coelus li hu l-alla Grieg ta' l-univers. Hawnhekk joħroġ ċar it-trijonf ta' Ġesu' Kristu bħala l-veru Iben t'Alla u r-rebħa tal-Kristjaneżmu fuq l-era klassika, pagana u Hellenistika. Hawn nifhmu kif permezz ta' arti Kristjana l-Knisja kienet twassal it-tagħlim tagħha. F'din l-iskultura qed naraw waħda mill-eqdem rappreżentazzjonijiet fl-iskultura li nafu bihom s'issa li juru lil Ġesu' flimkien ma' San Pietru u San Pawl fejn qed jgħaddilhom il-liġi f'idejhom.



*Sarkofagu ta' Junius Bassus. 389 W.K. Ruma*



*Traditio Legis. Dettal mis-sarkofagu ta' Junius Bassus. 389 W.K. Ruma*

*Fil-Bażilika ta' San Ambrogio* ta' Milan insibu skultura ta' l-epoka Romanika li wkoll turi 'l Ġesu' mdawwar bl-appostli San Pietru u San Pawl. Din l-iskultura li saret fis-seklu disa' mill-*istucco* tissejjaħ *'traditio legis et clavum'* fejn San Pawl jidher jirċievi l-ktieb tal-liġi mingħand Ġesu', filwaqt li par imfietaħ kbar naturalment jiġu mogħtija lil San Pietru. Din l-iskultura tiddomina l-parti ċentrali ta' din il-Bażilika.

Il-Gallerija ta' l-arti Uffizi ta' Firenze, b'waħda mill-akbar kollezzjonijiet ta' l-arti fid-dinja għandha polittiku kbir u rari fil-mod li fih jiġbor il-ħajja u l-martirju tal-prinċpijiet ta' l-appostli San Pietru u San Pawl. Polittiku jfisser li l-kwadru jkun magħmul minn numru ta' kwadri żgħar magħquda flimkien li mbagħad jifformaw kwadru wieħed kbir. Dan



*Traditio Legis et Clavum. Dettal minn skultura. Bażilika ta' San Ambrogio, Milan. Seklu IX*



*Hans Von Kulmbach.Polittiku li juri l-ħajja ta' San Pietru u San Pawl .Uffizi Firenze l-Italja. 1511*

hu mpitter bi stil rinaxximentali tan-nord ta' l-Ewropa biż-żebgħa taż-żejt fuq l-injam. Dan huwa mqassam fi tmien episodji li huma:- (1) is-sejħa ta' San Pietru minn Ġesu' biex ikun sajjied tal-bnedmin; (2) San Pietru jippriedka lill-ewwel insara; (3) il-konverżjoni ta' San Pawl fi triqtu lejn Damasku; (4) San Pietru meħlus mill-ħabs; (5) San Pietru u San Pawl flimkien meħudin għall-martirju; (6) qtugħ ir-ras ta' San Pawl; (7) il-kruċifissjoni ta' San Pietru; (8) San Pietru u San Pawl fil-glorja tas-sema. Dawn l-episodji kollha huma miġbura f'din il-pittura li oriġinarjament kienet għal knisja



*Hans Von Kulmbach. Ġesu' jsejjaħ lil San Pietru. Dettall mill-polittiku.Uffizi Firenze l-Italja. 1511*

ġewwa Krakovja fil-Polonja u tpittret mill-artist Hans Von Kulmbach fil-1511. Id-differenza bejn l-istil rinaxximentali Taljan għal dak nordiku jinħass mill-ilbies li huma lebsin il-personaġġi, id-dettalji fil-pittura tal-pajsaġġ u l-arkitettura tax-xeni li hemm fl-isfond. Hans Von Kulmbach kien artist Ġermaniż li studja u ħadem taħt Jacopo dei Barbari u l-famuż Durer. Ix-xogħol tiegħu, inkluż dan il-polittiku, fih ukoll xebħ ma' l-istil ta' artist ieħor Ġermaniż Albrecht Altdorfer.



*Caravaggio. Konverżjoni ta' San Pawl. Santa Maria del Popolo, Ruma l-Italja. 1601*

Il-ġenju Michelangelo Merisi da Caravaggio wkoll ħallielna ġmiel ta' xogħlijiet b'rabta mal-martri San Pietru u San Pawl. Kwadru tal-konverżjoni ta' San Pawl tpitter fis-sena 1601 u juri lil San Pawl jgħatti għajnejh b'idejh it-tnejn wara li waqa' minn fuq iż-żiemel. Dan hu xogħol barokk, impitter biż-żejt fuq l-injam, mimli moviment u realiżmu. L-ewwel ħaġa li tolqtok hi l-kwantita' ta' dawl li joħroġ mill-pittura speċjalment mill-figura ta' San Pawl.

Din kienet il-karatteristika ta' Caravaggio fejn permezz tal-*chiaro scuro* kien joħloq kuntrasti qawwija bejn dellijiet skuri u raġġi ta' dawl bħallikieku huma mixgħulin minn *floodlight*. In-naturaliżmu li juża Caravaggio huwa evidenti fil-mod kif inhi mpittra d-daqna tal-personaġġi, l-anatomija taż-żiemel u l-elmu ma' l-art.Il-lanez tas-suldati kważi jifformaw kompożizzjoni ta' vleġġa li tmexxi l-għajn ta' min ikun qed jara l-kwadru u jiffoka fuq il-figura ta' San Pawl mixħut fl-art bid-dija li tgħammixlek għajnejk. Fuq il-lemin jidher Ġesù mtajjar ma' anġlu waqt li qiegħed jiftaħ idejh b'ġest ta' komunikazzjoni ma' Sawlu. Huwa kapulavur kolossali ta' Caravaggio fejn ir-realiżmu u l-atmosfera kaotika hi evidenti fil-mod ta' kif iż-żiemel qiegħed kważi jitnaffar b'ħarsa mbeżża' u b'saqajh għal ftit ma jirfsux lil San Pawl li hu mixfut ma' l-art b'għajnejh magħluqa.

Ta' Caravaggio wkoll, se nitkellem dwar il-famuża kruċifissjoni ta' San Pietru. Hawn joħroġ aktar il-karattru ta' Caravaggio fir-realiżmu anatomiku tal-ġisem ta' raġel xwejjaħ bid-dettalji kollha ta' kif l-imsiemer twal qed iżommuh imdendel ma' l-għuda tas-salib. Id-dettalji espressivi li hemm impittra fuq l-uċuħ, speċjalment fuq il-wiċċ muġugħ ta' San Pietru, li għalkemm kważi rasu 'l isfel qiegħed b'għajnejh fissi fuq idu x-xellugija minfuda b'musmar, juru l-mod kif il-figuri mpittra minn Caravaggio jidhru qishom ħajjin. Ta' min jgħid li Caravaggio kien artist li dejjem fittex il-verita' fl-arti tiegħu u dejjem interpreta l-affarijiet fl-istat naturali tagħhom u mhux jipprova jsebbaħhom u jagħmilhom aktar puliti biex jogħġbu l-għajn. Eżempju klassiku ta' dan hu kif wieħed minn dawk li qed isallbuħ jinsab għarkubbtejh ħafi bil-pala f'idu u qiegħ saqajh iħares lejna. Barra l-mod realistiku li bih is-sieq hi interpretata b'mod eċċellenti, hija wkoll maħmuġa u bil-qiegħ iswed dlam. Din kienet xi ħaġa li anke l-artisti l-kbar ma kinux jagħmluha, iżda dan kien Caravaggio! Il-*chiaro scuro* ta' dan il-kwadru hu aktar b'saħħtu minn ta' qablu fejn l-isfond huwa skur ħafna u l-ġisem qaddis ta' San Pietru hu mixgħul b'dawl esaġerat u kważi jidher ħiereġ barra mill-kwadru. Dan jinsab fil-knisja ta' *Santa Maria del Popolo ġewwa Ruma, l-Italja.*



*Caravaggio. Kruċifissjoni ta' San Pietru. Santa Maria del Popolo, Ruma l-Italja. 1601*



*Mattia Preti. Qtugħ ir-ras ta' San Pawl.*

L-artist Caravaggio kellu diversi artisti li lkoll kienu ispirati mix-xogħol tiegħu u kienu msejħa *Caravaggisti*. F'Malta barra ż-żewġ xogħlijiet ta' Caravaggio għandna diversi xogħlijiet ta' dawn is-segwaċi tiegħu. Artist importanti ta' l-iskola Naplitana kien il-Kalabriż Mattia Preti li għex l-aħħar parti ta' ħajtu ġewwa Malta fi żmien il-Kavallieri. Bħal kull artist kbir ieħor dan ukoll tratta t-tema tal-martirju ta' San Pietru u San Pawl. F'din il-pittura qed naraw lil San Pawl eżatt qabel ma qatgħulu rasu. Dan ix-xogħol jixhed kif Preti xorob mill-artist Caravaggio u mill-Ispanjol Ribera l-użu tal-*chiaroscuro* u l-logħob tad-dwal fil-kompożizzjoni tal-pittura. San Pawl jidher in-naħa t'isfel b'idejh marbuta wara dahru, għajnejh iffissati lejn il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli miftuħ li s-soltu fl-ikonografija dejjem jiġi mpitter f'idejh, bi ħwejġu imneżża' sa' qaddu u b'rasu nklinata ftit 'l isfel. Jekk wieħed jikkonsidra ftit l-uċuħ li hemm impittra f'din il-pittura jinduna kemm l-immodellar tagħhom huwa simili għall-kwadru titulari tal-Bażilika tan-Nadur. Dan jaċċertana li l-kwadru tan-Nadur huwa ta' l-iskola ta' Mattia Preti. L-aktar li huma ċari huma wiċċ San Pawl u s-suldat li jidher warajh. Preti minbarra l-*chiaroscuro* u l-logħob tal-kuluri jinqeda wkoll b'dettalji ta' panneġġi studjati tajjeb, dettalji bħal ktieb li jidher miftuħ quddiem Pawlu u l-espressjonijiet fuq l-uċuħ li huma realistiċi ferm.



*Mattia Preti. Kruċifissjoni ta' San Pietru.*

Fil-kruċifissjoni ta' San Pietru, Preti jagħtina kompożizzjoni stupenda fejn aħna qed nassistu flimkien mas-suldati waqt li Pietru għadu qed jiġi mdendel bil-ħbula minn saqajh mas-salib. L-użu tal-*chiaroscuro* jurina ċar kif Preti ħareġ tant tajjeb id-dettalji fl-anatomija tal-ġisem ta' San Pietru. Wieħed kważi jħoss it-tensjoni u l-piż tal-mod kif saqajn Pietru huma miġbudin 'il fuq maz-zokk sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu msammrin b'San Pietru rasu 'l isfel. L-istess wiċċ ta' l-istess suldat li jidher impitter fil-martirju ta' San Pawl jerġa' jitfaċċa f'dan il-kwadru li din id-darba jidher li qed iħares dirett lejna l-ispettaturi ta' din il-kruċifissjoni ħarxa.

Mattia Preti wara li laħaq kavallier dam Malta erbgħin sena li fihom kien produttiv ħafna u anke kellu bosta kummissjonijiet għal barra minn Malta. L-istudjużi jafu biċ-ċert li ġieli kien saħansitra jitqabbad jagħmel kopji ta'xogħlu stess u anke kien jinqeda bl-aljevi tal-bottega tiegħu biex iħaffulu x-xogħol. Dan seta' kien ukoll il-każ tat-titular tan-Nadur, fejn pittura bl-istess dettalji u kompożizzjoni pero li tidher magħmula minn id aktar soda tinsab ġewwa l-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta magħmula minn Mattia Preti nnifsu.



*Mattia Preti. San Pietru u San Pawl meħudin għall-martirju, Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta.*



*Skola ta' Mattia Preti. San Pietru u San Pawl meħudin għall-martirju, Knisja Bażilika tan-Nadur Għawdex. ċ.1700*

*Storiċi ta' l-arti huma ċerti li t-titular tal-Bażilika tan-Nadur huwa xogħol tal-bottega ta' Mattia Preti fejn minbarra x-xebħ tal-personaġġi wżati fih ma' kwadri oħra famużi ta' Preti, hemm ukoll il-kuluri wżati bħal cilabro* (il-lewn li jagħti fl-aħmar) fuq San Pawl li huwa karatteristika ċara tal-pinzellati ta' Mattia Preti. Hemm min isostni li t-titular tan-Nadur jista' jkun ix-xogħol jew ta' Pietro Paolo della Chiesa (magħruf bħala *il Romano*) jew inkella ta' Giacchino Loretta. Dawn it-tnejn kienu aljevi ta' Mattia Preti. Loretta huwa l-artist li naħsbu li pitter il-kwadru titulari ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija. Dokumenti li juru min pitter il-kwadru titulari tan-Nadur ma jeżistux. Fis-snin tmenin kien sar xi restawr fuq it-titular tan-Nadur. F'dan ir-restawr setgħu saru xi interventi ta' pinzellati fil-kwadru u b'hekk ċerti karatteristiċi tal-pittura oriġinali ġew mgħottija. Ikun ferm xieraq jekk isir tindif tal-kwadru b'restawr professjonali biex jerġa' jġib lura l-istat oriġinali tal-pittura. Ma' dan tkun idea tajba kieku fil-knisja l-kwadru jiġi mdawwal b'mod aħjar u hekk inkunu nistgħu napprezzaw u nitgħallmu aktar dwar il-valur prezzjuż u sinjifikanti ta' waħda mill-aktar xogħlijiet artistiċi li jinsabu f'Għawdex li juru l-influwenza ta' Mattia Preti.

Din kienet titwila ferm qasira lejn numru żgħir ta' xogħolijiet li lkoll juru lil San Pietru u San Pawl. J'alla lkoll nagħrfu nippreservaw u napprezzaw it-teżori li għandna fil-gżejjer tagħna u nifhmu li primarjament dawn saru biex jirriflettu l-fidi tal-ġens Malti u jżejnu l-identita' reliġjuża u kulturali ta' Malta u Għawdex tagħna.

## *Bibjografija*


**Elsner J.** *'Imperial Rome and Christian Triumph'; Oxford University Press, 1998*

*Ferguson G. 'Signs and Symbols in Christian Art'; Oxforn University Press, 1977*

*Lassus J. 'The Early Christian and Byzantine World'; Paul Hamlyn Ltd, London, 1967*

*Syndicus E. 'Early Christian Art'; Hawthorn Books, New York, 1962*

*Huyghe R. 'Larousse Encyclopedia of Byzantine and Medieval Art'; Hamlyn Ltd, London, 1974*

*Reau L. 'Iconographie de l'Arte Chretien'; Presses Universitaires de France, Paris, 1959*

*Whitfield C. 'Painting in Naples from Caravaggio to Giordano'; Royal Academy of Arts, London, 1982*

*Quiviger F. 'Caravaggio'*; Scala Books Ltd, London, 1992

www.esoteria.org/mattia/alcuneopere.htm

http://www.aug.edu/augusta/iconography/

http://santiebeati.it


## *Ringrazzjamenti*


**Dun Gino Gauci**

**Dun Charles Vella**





**Cadillac Garage**

**Joe Camilleri**
N.B. Qortin Str.,
1640, Nadur, Gozo.
Tel: 2155 2156 1021
Mob: 9984 7071

• *Panel Beating* • *Spray Painting*
• *Rust Treatment* • *Colour Matching*
• *Car Bench* • *Chassis Alignment*

**RUMAN**
**MINI MARKET**

Fejn issibu affarijiet tal-ikel,
ħxejjex friski u prodotti oħra

Triq Sant'Indrija, Nadur

**Jekk għandek problemi fil-bjut għax jumdu,**
**joqtru jew problemi oħra**
**PETER GRIMA**
**isolvilek kull problema bil-MEMBRANE**
**hekk imsejjaħ ukoll Qatran tan-nar.**
**Jaqdik b'xogħol mill-aħjar u sodisfaċenti.**

**"Il-Paċi", Vjal l-Imnarja, Nadur, Għawdex.**
**Tel: 2155 2389**